# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.7

## Kap 3: Il-qalb tajba

## Lezzjoni 3.7: Ġesù kien jitlob

**Għanijiet:**

**L-istudenti:**




1. Jifhmu li aħna għandna bżonn l-għajnuna ta' Alla.
2. Jifhmu li anke Ġesù kien iħoss il-bżonn li jitlob.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Karta ta' Taħriġ 3.4: 'Ġesù kien jitlob'
- Kanzunetta 'Kid's Prayer'.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ipprova agħżel xi ħaġa fil-klassi bħal per eżempju tressaq mejda, tqassam il-pitazzi u l-ewwel tipprova tagħmel il-ħaġa waħedha u wara tistaqsi lil xi tfal biex jgħinuha.
- Għin lit-tfal jirrealizzaw li xi kultant wieħed ma jkunx jista' jagħmel ix-xi ħaġa waħdu. Meta huma jsibu diffikultà fil-ħomwork huma jistaqsu lil ommhom biex tgħinhom għax jafu li hi taf aktar minnhom.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

1. Spjega kif Ġesù kien iħoss il-bżonn li jitlob! Ġesù kien iħoss il-bżonn li jieħu l-għajnuna mingħand Missieru. Fil-Vanġelu nsibu diversi waqtiet meta Ġesù talab!
2. Fakkar kif:

- ✓ Qabel għażel lill-Appostli tiegħu, Ġesù talab.
- ✓ Talab meta tema' lil 5000 b'żewġ ħutiet u ħames ħobż



- ✓ Talab għall-Appostli tiegħu.
- ✓ Talab għat-tfal li kienu jġibulu.
- ✓ Kien jitob qabel ifejjaq lin-nies.
- ✓ Kien jitlob qabel jagħmel mirakli kbar bħal iqajjem lin-nies mill-mewt, qabel fejjaq lir-raġel li ma jismax.
- ✓ Talab waqt l-aħħar ċena.
- ✓ Talab ukoll fil-Ġnien taż-Żebbuġ qabel ġew għalih is-suldati.
- ✓ Talab fuq is-salib biex Alla l-Missier jaħfer lil min qed isallbu.

3. Fakkar li rridu wkoll nitgħallmu minn Ġesù billi naraw kif kien jitlob:isib post għall-kwiet. Kien imur jitlob waħdu. Kien jitlob kmieni filgħodu jew tard billejl.
4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 3.5. Stieden lit-tfal biex ipingu l-istampa ta' Ġesù u għinhom biex jużaw kuluri addattati.
5. Għin lit-tfal jiftakru t-talba ta ' qabel l-ikel u jniżżlu l-kliem addattat fil-vojt u jqabblu t-tieni parti tal-Attività.
6. Spjega l-Attività ta' Sam u Tara u enfisizza l-fatt li meta nkunu qed irroddu s-salib, inkunu qegħdin insellmu lill-Missier, lill-Iben (iġifieri lil Ġesù) u lill-Ispirtu s-Santu.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Meta jindunaw li hemm xi ħaġa diffiċli għalihom, għandhom jitolbu lin-nies li jħobbuhom biex jgħinuhom.
2. Anke Ġesù kien jitlob lil Alla Missieru f'waqtiet diffiċli! Kemm aktar għandna aħna għax nitolbu li Missierna.
3. Għandhom jitolbu biex liil Alla jgħidulu b'dak li għandhom bżonn u wara ma jinsewx jirringrazzjawh u jgħidulu 'grazzi'.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

L-istudenti jagħmlu ħilithom biex kuljum isibu ftit ħin biex jitolbu.

Jitgħallmu wkoll iroddu s-salib sew.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanzunetta:Kid's Prayer.  Link fuq Youtube

http://www.youtube.com/watch?v=_6foPGcWAAo



## Nitolbu

Mulej Ġesù,

Kompli għallimna nitolbu biex barra li ngħidu t-talba li għallimtna int, 'Il-Missierna', inkunu kapaċi nifthu qalbna ma' Alla u nkellmuh bħala l-akbar ħabib tagħna.

